

2) Celotec GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 266, 11.7.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2023 – adp Merkur vs EUIPO – psmtec  
(SEVEN SEVEN 7)**

(Kawża T-408/22) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea SEVEN SEVEN 7 – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea Seven – Raġunijiet relativi għal rifjut – Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Nuqqas ta' użu ġenwin – Artikolu 47(2) tar-Regolament 2017/1001")*

(2023/C 179/61)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: adp Merkur GmbH (Espelkamp, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Mandel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Söder u M. Eberl, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: psmtec GmbH (Illertissen, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Bir-rikors tagħha abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament u r-riforma tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-26 ta' April 2022 (Każ R 1498/2021-2).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 318, 22.8.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tad-29 ta' Marzu 2023 – Machková vs EUIPO – Aceites Almenara  
(ALMARA SOAP)**

(Kawża T-436/22) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea ALMARA SOAP – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea ALMENARA – Raġuni relativa għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti – Artikolu 47(2) tar-Regolament 2017/1001")*

(2023/C 179/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Veronika Machková (Šestajovice, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: M. Balcar, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Śliwińska u D. Gája, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Aceites Almenara, SL (Puebla de Almenara, Spanja)

## Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-riktorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-25 ta' April 2022 (Każ R 1613/2021-1).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Veronika Machková u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 340, 5.9.2022.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2023 – Mariani vs Il-Parlament

(Kawża T-196/22) (<sup>1</sup>)

*("Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Deċiżjoni ta' eskużjoni mill-parteċipazzjoni fid-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament sat-tmiem tal-mandat – Att ta' organizzazzjoni interna tax-xogħolijiet tal-Parlament – Nuqqas ta' impatt fuq il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-mandat bħala membru tal-Parlament – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà manifesta")*

(2023/C 179/63)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Thierry Mariani (Pariġi, Franza) (rappreżentant: F.-P. Vos, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: D. Moore u T. Lukácsi, aġenti)

## Suġġett

Bir-rikors tiegħu abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, ir-riktorrenti jitlob l-annullament tad-deċiżjoni D-301939 tal-kopresidenti tal-grupp ta' sostenn għad-demokrazija u ta' koordinazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, tat-3 ta' Marzu 2022, li tesklidih minn kull parteċipazzjoni fid-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament sat-tmiem tal-mandat tiegħu bħala membru tal-Parlament (2019-2024).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Thierry Mariani huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji

(<sup>1</sup>) ĠU C 237, 20.6.2022.